32006L0033

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/33/KE

ta' l-20 ta' Marzu 2006

li temenda d-Direttiva 95/45/KE fir-rigward tas-sunset yellow FCF (E 110) u d-dijossidu tat-titanju (E 171)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 (3)(a) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 1995 li tistipola kriterji speċifiċi ta' purezza li jikkonċernaw il-kuluri għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel [2], tistipola kriterji ta' purezza għall-kuluri li jissemmew fid-Direttiva 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar kuluri għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel [3].

(2) Is*sunset yellow* FCF (E 110) huwa awtorizzat skond id-Direttiva 94/36/KE bħala kulur għall-użu f'ċerti oġġetti ta' l-ikel. Hemm evidenza xjentifika li f'ċerti ċirkostanzi, Sudan I (1-(phenylazo)-2-naphthalenol) jista' jiġi ffurmat bħala impurità matul il-produzzjoni tas-*sunset yellow*. Sudan I huwa kulur mhux awtorizzat u sustanza mhux mixtieqa fl-ikel. Il-preżenza tiegħu fis-*sunset yellow* għandha għalhekk tiġi ristretta għal ammont li huwa taħt il-limitu ta' analiżi, jiġifieri 0,5 mg/kg. Il-kriterju ta' impurità tas-*sunset yellow* FCF (E 110) għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(3) Huwa meħtieġ li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet u t-tekniki analitiċi għall-addittivi stabbiliti fil-Codex Alimentarius mill-Kumitat Konġunt ta' Esperti FAO/WHO dwar l-Addittivi ta' l-Ikel (JECFA). JECFA beda l-implimintazzjoni ta' programm sistematiku biex jiġi sostitwit it-test għall-metalli tqal (bħaċ-ċomb) fl-ispeċifikazzjonijiet kollha ta' l-adittivi ta' l-ikel eżistenti permezz ta' limiti xierqa għall-metalli individwali kkonċernati. Dawn il-limiti tas-*sunset yellow* FCF (E 110) għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

(4) Id-dijossidu tat-titanju (E 171) huwa awtorizzat skond id-Direttiva 94/36/KE bħala kulur għall-użu f' ċerti oġġetti ta' l-ikel. Id-dijossidu tat-titanju jista' jiġi manifatturat biex jinkisbu kristalli taħt il-forma anatase jew rutile. Il-forma fi platelets tad-dijossidu tat-titanju rutile hi differenti mill-forma anatase fl-istruttura u fil-karatteristiċi ottiċi (pearl-escence). Hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tal-forma platelet tad-dijossidu tat-titanju rutile bħala kulur fl-oġġetti ta' l-ikel u fil-kisi rqiq fuq pinnoli li huma supplimenti għall-ikel. Fis-7 ta' Diċembru 2004 l-Awtorità Ewropea tas-Sigurta ta' l-Ikel stqarret li l-użu tad-dijossidu tat-titanju rutile fil-forma ta' platelets jew amorfiċi ma jippreżenta l-ebda tħassib dwar sikurezza. Il-kriterju ta' purezza għad-dijossidu tat-titanju (E 171) għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jinkludi il-forom rutile u anatase tas-susanza.

(5) Id-Direttiva 95/45/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 95/45/KE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard minn [*12–il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella korrispendenti bejn dawk id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

[1] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 226, tat-22.09.1995, p.1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/47/KE (ĠU L 113, ta' l-20.4.2004, p. 24).

[3] ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 13. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-20 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Direttiva 95/45/KE, il-Parti B huwa emendat hekk:

(1) It-test dwar is-*sunset yellow* FCF (E 110) huwa sostitwit b' dan li ġej:

"**E 110 SUNSET YELLOW FCF**

Sinonimi	CI *Food Yellow* 3, *Orange Yellow* S
Definizzjoni	*Sunset Yellow* FCF jikkonsisti essenzjalment minn *disodium* 2-hydroxy-1-(4-sulfonatophenylazo) *naphthalene-6-sulfonate* u materjal koloranti sussidjarju flimkien ma' *sodium chloride* u/jew *sodium sulfate* bħala partijiet prinċipali mhux ikkuluriti. Is-*Sunset Yellow* FCF jiġi deskritt bħala l-melħ tas-sodju. Huma permessi wkoll il-melħ tal-potassju u tal-kalċju.
Klassi	Monoazo
Numru Indiċi tal-Kulur	15 985
Einecs	220-491-7
Isem kimiku	Disodium 2-hydroxy-1-(4-sulfonatophenylazo) naphthalene-6-sulfonate
Formula kimika	$C_{16}H_{10}N_2Na_2O_7S_2$
Piż molekolari.	452,37
Assay	Kontenut ta' mhux inqas minn 85 % total ta' aġenti koloranti kkalkolati bħala l-melħ tas-sodju E 555 bħala ca 485 nm f' soluzzjoni likwida bi pH 7
Deskrizzjoni	Trab jew granulari lewn oranġju ħamrani
Identifikazzjoni	
A. Spektrometrija	Massimu fl-ilma f'ca 485 nm u pH 7
B. Soluzzjoni oranġju fl-ilma	
Purezza	
Materjal li ma jinħalx fl-ilma	Mhux iktar minn 0.200000 %
Materjal koloranti ieħor	Mhux iktar minn 5.000000 %
1-(Phenylazo)-2-naphthalenol (Sudan I)	Mhux iktar minn 0.500000 mg/kg
Aġenti koloranti ħlief il-materjali koloranti:	
4-aminobenzene-1-sulfonic acid 3-hydroxynaphthalene-2,7-disulfonic acid 6-hydroxynaphthalene-2-sulfonic acid 7-hydroxynaphthalene-1,3-disulfonic acid 4,4′-diazoaminodi(benzene sulfonic acid) 6,6′-oxydi(naphthalene-2-sulfonic acid)	Total ta' mhux iktar minn 0,5 %
Amines aromatiċi primarji mhux sulfonati	Mhux iktar minn 0,01 % (kkalkolat bħala aniline)
Materjal li jista' jiġi estratt bl-ether	Mhux iktar minn 0,2 % fi kondizzjonijiet newtri
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux iktar minn 2 mg/kg
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg"

(2) test li jikkonċerna t-*titanium dioxide* (E 171) hu mibdul b' dan li ġej:

"**E 171 DIJOSSIDU TAT-TITANJU**

Sinonimi	CI *Pigment White* 6
Definizzjoni	Id-dijossidu tat-titanju jikkonsisti essenzjalment minn anatase pur u/jew dijossidu tat-titanju rutile li jista' jkun miksi b' ammonti żgħar ta alumina u/jew silika biex jissaħħu l-karatteristiċi teknoloġiċi tal-prodott.
Klassi	Inorganiku
Numru Indiċi tal-Kulur	77 891
EINECS	236-675-5
Ismijiet kimiċi	Dijossidu tat-titanju
Formula kimika	TiO_2
Piż molekolari	79,88
Assay	Kontenut ta' mhux inqas minn 99 % fuq bażi ħielsa minn alumina u silika
Deskrizzjoni	Trab abjad jew ftit ikkulurit
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Mhux solubbli fl-ilma u fis-solventi organiċi. Jinħall bil-mod fl-aċdu idrofluworiku u fl-aċdu sulforiku jagħli u kkonċentrat.
Purezza	
Telf mid-Dessikkazzjoni	Mhux iktar minn 0,5 % (105 °C, 3 siegħat)
Telf meta jaqbad in-nar	Mhux iktar minn 1,0 % fuq bażi ħielsa minn materjal volatili (800 °C)
Ossidu ta' l-aluminju u/jew dijossidu tas-silikon	Total ta' mhux iktar minn 2,0 %
Materjal li jinħall fi 0,5 N HCl	Mhux iktar minn 0,5 % fuq bażi I hija ħielsa minn alumina u silika u, kif ukoll, għall-prodotti li fihom alumina u/jew silika, ta' mhux iktar minn 1,5 % fuq bażi tal-prodott kif jiġi mibjugħ.
Materjal li jinħall fl-ilma	Mhux iktar minn 0.5 %
Kadmju	Mhux iktar minn 1 mg/kg
Antimonju	Mhux iktar minn 50 mg/kg skond id-dissoluzzjoni totali
Arseniku	Mhux iktar minn 3 mg/kg skond id-dissoluzzjoni totali
Ċomb	Mhux iktar minn 10 mg/kg skond id-dissoluzzjoni totali
Merkurju	Mhux iktar minn 1 mg/kg skond id-dissoluzzjoni totali
Żingu	Mhux iktar minn 50 mg/kg skond id-dissoluzzjoni totali."